/# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

MEJJU 2019 – Ħarġa Nru: 170



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# B'DISPJAĊIR ...!

Meta toqrob il-festa tad-Duluri, aħna s-saċerdoti mmorru nqarru lit-tfal tal-iskola primarja. Qabel il-qrar, jien inħobb nitkellem ftit mat-tifel jew tifla biex insir nafhom aħjar. Waħda mill-mistoqsijiet li nagħmlilhom hi, jekk imorrux għall-quddiesa tal-Ħadd. NUMRU SEW MINNHOM JGĦIDULI LI LE MA JMORRUX għax il-ġenituri tagħhom ma jeħduhomx! Ir-raġuni ewlenija li jsemmgħu t-tfal, hija x-xogħol. Min imur, imur biss man-nanniet u meta dawn ma jmorrux, it-tfal jibqgħu bla quddiesa tal-Ħadd!



**Kriżi**

Jiena nifhem li  hemm genituri li jibqgħu jaħdmu anke fil-week-ends kemm fid-dar kif ukoll barra, speċjalment dawk bix-xift. U napprezza ħafna l-isforzi li jagħmlu biex itejbu dejjem il-livell tal-għejxin tal-familji tagħhom. Jista' jkollna wkoll ġenituri li għandhom trabi jew tfal żgħar li ma jkollhomx ma' min iħalluhom, jew xi raġunijiet oħra... Wisq nibża' iżda, li barra l-problema tax-xogħol hemm waħda akbar – il-kriżi ta' fidi!

Min għandu l-fidi tiegħu qawwija, jagħmel minn kollox biex jadatta l-ħin tiegħu u b'xi mod ma jitlifx il-quddiesa tal-Ħadd. Inżommu quddiem għajnejna dak li jgħidilna l-Papa Franġisku: "Għan-nisrani, Ħadd bla quddiesa, mhu Ħadd xejn!"

Tassew jiddispjaċini li qed ikollna numru sostanzjali ta' tfal li, għax mhux tort tagħhom, qed jibqgħu mingħajr quddiesa fil-komunità.

Kif irridu li dawn it-tfal meta jikbru, jibqgħu jattendu għall-quddiesa tal-Ħadd meta minn ċkunithom qed ikunu mċaħħdin minnha: mingħajr il-Kelma, mingħajr l-Ewkaristija, mingħajr qrar u mingħajr is-sens ta' komunità?!

**Dover**

Hija ħaġa sabiħa li l-ġenituri jitolbu l-Magħmudija għal uliedhom, iressquhom għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma. Imma xi jkun jiswa' jekk imbagħad ma jirsistux biex

jattendu għall-Ewkaristija tal-Ħadd bħala familja jew bħala ndividwi!

Jiena nħobb inħeġġeġ lit-tfal biex jagħmluha ta' "appostli tad-dar" billi jħeġġu lill-ġenituri tagħhom jeħduhom għall-quddiesa tal-Ħadd. Inħobb ngħidilhom li l-ġenituri "tant iħobbukom li anke jekk għall-bidu ma jisimgħukomx, fl-aħħar iċedu għall-insistenzi tagħkom!"

Jalla dawk il-ġenituri li qed jaqraw dawn il-versi u mhumiex jattendu għall-Ewkaristija tal-Ħadd, jisimgħu mix-xewqat ta' wliedhom u jattendu magħhom. Jalla wkoll ma jkollniex tfal li l-karbiet tagħhom jispiċċaw bħal xi "għajta fid-deżert" għax ma jkunu qatt mismugħin!

**Sodisfazzjon**

Kemm nieħu gost nara familji li jħallu kollox biex iqaddsu l-Jum tal-Ħadd – il-jum li fih infakkru l-Qawmien tal-Mulej mill-mewt, u ma jfallux dan l-appuntament tagħhom mal-Mulej!

Il-preżenza tal-istess familji għall-Ewkaristija tal-Ħadd, tkun ta' barka kontinwa għall-istess familji u għall-parroċċa tagħna! Jalla lkoll nirrejalizzawh dan.

***Dun Evan***

---

**IR-RABA' ĦADD TAL-GĦID...**

## *Ħadd ir-Ragħaj it-Tajjeb u Jum il-Vokazzjonijiet*



F'dan il-mużajk li jinsab fil-Masulew ta' Galla Placida (c.425 WK), f'Ravenna, l-Italja, Ġesù jidher bħala r-Ragħaj it-Tajjeb, differenti għal kollox minn dak li nsibu fil-katakombi Rumani. Id-dehra ta' Ġesù nafuha ta' bniedem liebes ta' ragħaj tal-kampanja, bin-nagħġa fuq spallejh imdawwra ma' għonqu.

F'dan il-mużajk, Ġesù jidher imlibbes b'tunika dehbiena u mantar vjola – sinjali tar-regalità. Madwar rasu tidher raġġiera kbira dehbiena. Ġesù jidher mgħawweg, huwa u jikkarezza waħda min-nagħġiet li tinsab ħdejh. Il-bastun li għandu f'idejh huwa f'forma ta' salib għaliex Ġesù stess qal: "Jiena r-ragħaj it-tajjeb, ir-ragħaj it-tajjeb li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (Ġw 10: 11).

Ninnutaw li x-xbieha fuq il-mużajk hija waħda simmetrika – 3 nagħġiet naħa u tlieta oħra n-naħa l-oħra. Dan sar apposta biex niffokaw aktar fuq is-salib li jinsab fiċ-ċentru tal-mużajk. Kien permezz tas-salib li Ġesù feda lin-nagħaġ tiegħu biex wera kemm tassew iħobbhom.

Din ix-xbieha turi l-mod kif evolviet id-dehra ta' Kristu-Ragħaj, billi għaqdet flimkien it-tjubija u l-manswetudni tiegħu mar-regalità tiegħu.

Kull min jitħajjar isir "ragħaj" tal-merħla, irid ikollu dawn il-karatteristiċi li kellu r-Ragħaj ewlieni! Nitolbu u naħdmu għal aktar vokazzjonijiet minn fostna.

# ŻMIEN IL-GĦID... XI KARATTERISTIĊI!

Fil-Liturgija tal-Knisja għandna dawk li nsejħulhom it-*tempi forti* – żminijiet qawwija li huma: Avvent-Milied; Randan-Għid. Dan ifisser li l-festi l-kbar tal-Milied u l-Għid għandhom żmien ta' tħejjija partikulari għalihom.

Żmien il-Għid, li qegħdin fih bħalissa, jibda minn Ħadd il-Għid sa Pentekoste – ħamsin jum sħaħ li fihom, il-Knisja timmedita u tifraħ bil-qawmien tal-Imgħallem tagħha mill-imwiet! Minn Ħadd il-Għid sal-Ħadd ta' wara, għandna dik li nsejħulha l-Ottava tal-Għid il-Kbir – tmint'ijiem sħaħ li l-Knisja tqisu bħala jum wieħed! Fil-fatt, l-antifona tal-Hallelujah tal-quddiesa hi: "Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih". Fil-jum tal-Għid, tingħad is-Sekwenza, li hi obbligatorja. Tista' tingħad ukoll matul il-jiem tal-Ottava.



*"Noli me tangere" – La tmissnix... Ġesù Rxoxt ma' Marija Maddalena, 1440, Fra Angelico, Convento San Marco, Firenze*

**Il-Kelma**

Mill-għada tal-Għid il-Kbir, tibda dik li nsejħulha l-*lectio continuata* tal-Atti tal-Appostli, jiġifieri siltiet għal kull ġurnata sa Pentekoste, mill-istess Ktieb. L-Atti, miktubin minn San Luqa, jirrakkuntawlna x'għamlu u x'qalu l-appostli wara li Ġesù ħallihom u mar għand il-Missier.

Fil-quddies tal-Ottava tal-Għid għandna r-rakkonti tad-dehriet ta' Ġesù Rxoxt lill-appostli: lil Marjam ta' Magdala, lid-dixxipli ta' Emmaws, meta kienu maqfula fiċ-ċenaklu, waqt li kienu mal-Għadira ta' Tiberija. Waqt dawn id-dehriet Ġesù jurihom hu min hu, jiekol magħhom, jagħtihom missjoni xi jwettqu... Ġesù ma kienx xi fantażma imma kellu l-istess ġisem ta' qabel il-passjoni u l-mewt tiegħu... imma issa ġisem glorifikat!

Fl-ewwel ġimgħat tal-Għid, nisimgħu siltiet mill-Evanġelju skont San Ġwann kif konna smajnieh wara kollox, fl-aħħar ħmistax tar-Randan. Fit-tieni Ħadd tal-Għid imbagħad, ikollna d-dehra ta' Ġesù lill-appostli li kienu mbeżżgħa', kif ukoll l-għoti tal-Ispirtu s-Santu "Dakinhar filgħaxija" tal-qawmien tiegħu. Fl-istess silta għandna wkoll id-dehra lil Tumas u sħabu.

Fir-Raba' Ħadd niċċelebraw ukoll *Jum il-Vokazzjonijiet* u naqraw siltiet fejn Ġesù juri ruħu bħala "r-ragħaj tan-nagħaġ" jew, "il-bieb tan-nagħaġ". Jitkellem ukoll fuq ir-relazzjoni personali li teżisti bejn ir-ragħaj u n-ngħaġ tiegħu.

**Żewġ festi importanti**

Is-Seba' Ħadd tal-Għid niċċelebraw il-festa tal-Axxensjoni tal-Mulej. Din il-festa, li fl-imgħoddi kienet tiġi ċċelebrata l-Ħamis ta' qabel, kienet festa kmandata u anke pubblika. Il-kelma "lapsi" ġejja minn dik bil-Grieg, *analepsis* li tfisser "titla' 'l fuq".

Żmien il-Għid, imbagħad jagħlaq bil-festa l-kbira ta' Pentekoste li għandha wkoll il-quddiesa tal-Vġili, b'qari differenti minn dak tal-Ħadd. Għandha wkoll bħall-Għid il-Kbir, sekwenza obbligatorja.

Mas-Solennità ta' Pentekoste, is-simbolu ewlieni tal-Għid, il-Blandun, jintefa' b'ċerimonja apposta u wara jitqiegħed f'post fejn jerġa' joħroġ waqt l-għoti tal-Magħmudija u l-funerali – id-dawl ta' Kristu Rxoxt jakkumpanjana mit-twelid sal-mewt tagħna!

Kif jintemm Żmien il-Għid nibdew dak li nsejħulu "iż-żmien ta' matul is-sena" jew *ferjali* sakemm f'Novembru ntemmu s-sena Liturġika u nibdew oħra ġdida mal-ewwel Ħadd tal-Avvent.

## NILTAQGĦU NHAR … MEJJU 2019

**Erbgħa 1**: *Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem – Tifkira O*. Fil-quddiesa tas-6.30pm issir il-preżentazzjoni u t-tberik tal-għodod.

**Ħamis 2:** San Atanasju, isqof u duttur – Tifkira O.

**Ġimgħa 3**: San Filippu u San Ġakbu, appostli – Festa. *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Wara l-quddiesa tas-6.30pm adorazzjoni komunitarja u barka sagramentali.

**Sibt 4**: Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.

**Ħadd 5:** **It-Tielet Ħadd tal-Għid**

**Erbgħa 8:** Fil-11.30am quddiesa bit-talba tas-supplika tal-Madonna ta' Pompei.

**Ħamis 9**: **San Ġorġ Preca**, presbiteru u fundatur tal-MUSEUM. Fis-6.30pm quddiesa għat-tfal u l-ġenituri animata mis-soċi. Issir ġabra għar-rinovazzjoni tal-kappella tal-Museum subien.

**Ħadd 12**: **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid** u **Jum il-Vokazzjonijiet**. Fid-9.00am fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, is-seminarista David Borg mill-parroċċa tagħna jirċevi l-Ordni Sagru tad-**Djakonat**.

**Tnejn 13:** L-ewwel dehra tal-Madonna f'Fatima. Filgħaxija ssir żjara mill-immigranti Kattoliċi f'santwarju Marjan.

**Tlieta 14**: San Mattija Appostlu – Festa.

**Ħadd 19:** **Il-Ħames Ħadd tal-Għid.** Fid-Djoċesi niċċelebraw **Jum il-Karità**. Issir il-ġabra ta' kull sena għad-Djar karitattevoli tal-Knisja.

**Ħadd 26**: **Is-Sitt Ħadd tal-Għid**. Fl-10.00am isir it-tielet **seminar** għall-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena.

**Ġimgħa 31**: Tifkira taż-Żjara tal-Verġni Marija lil Elizabetta – Festa.

## TBERIK TAL-FAMILJI (ikompli)

**MEJJU:**

Tnejn 13: Silla, Telliera, Għarix, Mitħna, Barumbara, Ħadd in-Nies
Tlieta 14: Ġ. Debono, Stellarju, Newl, P. Scicluna, Nissieġ
Erbgħa 15: C.Consiglio, Fustan, Qoton, Kappar, Fiġel, Faqqus, Mehrież, Fwieni
Ħamis 16: A. Caligari (naħa M. Bambina), Inħasa
Gimgħa 17: Ġ.M. Caruana, S Formosa, tal-Plier, Ġ.F. Testaferrata

Tnejn 20: Qaqoċċ, R. Agius Muscat
Tlieta 21: Bursett, Magħsar, Misraħ San Nikola
Erbgħa 22: T. Schembri, Bikri, Ħofra, Palm, Indivja
Ħamis 23: Riħan, Selq, Bur
Ġimgħa 24: Misraħ A. Wignacourt, Ġilbiena, Sta Klara, Alessio Erardi (naħa ta' Wignacourt)

Tnejn 27: A. Barbara, M. Sultana, A Caligari (naħa tal-Ħofra), P. Muscat Inglott
Tlieta 28: L-Ordni ta' San Ġwann, Bieb is-Sultan, Ġ. Micallef, Żinġla, Għasel, Lenbija, Sienja
Erbgħa 29: Sqaqien ta' Triq il-Kbira
Ħamis 30: Skola
Ġimgħa 31: San Anard, Triq Ġdida fi Triq San Anard, Limiti ta' Xaqqa

**ĠUNJU**

Tnejn 3: Qalb Imqaddsa
Tlieta 4: Felice
Erbgħa 5: Lia
Ħamis 6: Sta Tereża, Trejqet San Ġorġ, Vulcan

Tnejn 10: San Lawrenz, tal-Grazzji
Tlieta 11: Karmnu, Strickland
Erbgħa 12: Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Sqaq Lajri, San Pawl, Nofsinhar
Ħamis 13: Dun Frans Buhagiar, Ħawt, Misqja, Saqwi
Ġimgħa 14: Inkurunazzjoni u sqaqien, San Piju V

Tnejn 17: Santa Marija, Sqaq Lanza, Kaħwiela (naħa Sta Marija), S. Astarita
Tlieta 18: Santwarju (naħa tal-venda)
Erbgħa 19: Santwarju (naħa tal-Grazzja tal-ġebel)
Ħamis 20: Villabate (djar biż-żewġ)
Ġimgħa 21: Mina ta' Hompesch, Sqaq Ġanton

Tnejn 24: Villabate (djar bil-fard)
Tlieta 25: Ġnien, Tut, N. Biancardi, l-aħħar parti ta' Ġ. Agius Muscat
Erbgħa 26: Piju XII, John Delia
Ħamis 27: L-aħħar parti ta' Triq ix-Xgħajra u l-aħħar parti ta' Triq Wied il-Għajn

N.B.
* It-Tberik jibda fil-5.00pm
* L-offerti tagħkom imorru għall-ħidma pastorali u l-proġetti tal-parroċċa
* Minħabba li l-Għid ġie tard, l-Estate jitbierek f'Ottubru li ġej.